C/2025/3976

20.8.2025

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Lulju 2025

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u bażitarji tal-Bulgarija

(C/2025/3976)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza bażitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-TFUE. Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Ir-Regolament jippromwovi wkoll is-sjieda nazzjonali tal-politika fiskali u jenfasizza l-fokus tiegħu fuq it-terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar effettiv u aktar koerenti. Kull Stat Membru jrid jippreżenta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li jkun fih l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment tiegħu, fuq perjodu ta' 4 jew 5 snin, skont it-tul tal-mandat leġiżlattiv nazzjonali. Il-perkors tan-nefqa netta [2] f'dawn il-pjanijiet irid ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament, inkluż ir-rekwiżiti li d-dejn tal-gvern estiż jitqiegħed jew jinżamm fuq perkors plawżibbli 'l isfel sat-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament, jew li jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-prodott domestiku gross (PDG), u li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u/jew jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, fuq it-terminu medju. Meta Stat Membru jimpenja ruħu għal sett rilevanti ta' riformi u investimenti f'konformità mal-kriterji stipulati fir-Regolament, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'mhux aktar minn tliet snin.

[1] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj.

[2] Nefqa netta kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) 2024/1263: "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min (i) in-nefqa fuq l-imgħax; (ii) mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali; (iii) min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni; (iv) min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni; (v) mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad; u (vi) minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-"RRF"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. L-RRF tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jagħtu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, l-RRF trawwem irkupru ekonomiku u soċjali filwaqt li tmexxi riformi u investimenti sostenibbli, b'mod partikolari billi tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u billi tagħmel l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(3) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (ir-"Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili Russi. Dan jgħin biex tinkiseb is-sigurtà tal-enerġija u jiddiversifika l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija.

(4) Fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Bulgarija ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tapprova valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija ([5]), li ġiet emendata skont l-Artikolu 18(2) fit-8 ta' Diċembru 2023 biex tiġi aġġornata l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ([6]). Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali isir bil-kundizzjoni li l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5), li tiddikjara li l-Bulgarija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-ilħuq sodisfaċenti jirrikjedi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti għall-istess riforma jew investiment ma tkunx treġġgħet lura.

(5) Fl-20 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Bulgarija ([7]). Il-pjan ġie ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 11 u l-Artikolu 36(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1263, li jkopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u li jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq erba' snin.

(6) Fis-26 ta' Novembru 2024, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu tat-Twissija tal-2025, li fih ma identifikatx lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom hemm il-ħtieġa ta' rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([9]) fit-13 ta' Mejju 2025 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-10 ta' Marzu 2025.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija (ST 8091/22).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija (ST 15837/2023).

([7]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Bulgarija (ĠU C, C/2025/3700, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3700/oj).

([8]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L, 306, 23.11.2011, p. 25).

([9]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C, C/2025/2782, 22.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2782/oj).

(7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Hija tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli: (i) l-innovazzjoni; (ii) id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività; u (iii) is-sigurtà. Biex tnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni, l-UE għandha l-għan li trawwem l-innovazzjoni industrijali, tappoġġa t-tkabbir tal-istart-ups permezz ta' inizjattivi bħall-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, u tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali u l-computing kwantistiku. Biex tintlaħaq il-mira ta' ekonomija aktar ekoloġika, il-Kummissjoni ħejjiet Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-Enerġija Affordabbli u Patt għal Industrija Nadifa, li jiżguraw li l-bidla lejn enerġija nadifa tibqa' kosteffettiva, favur il-kompetittività, b'mod partikolari għas-setturi intensivi fl-enerġija, u tkun fattur ewlieni tat-tkabbir. Biex tnaqqas dipendenzi eċċessivi u żżid is-sigurtà, l-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ is-shubijiet kummerċjali globali, tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u tassigura l-aċċess għall-materja prima kritika u sorsi ta' enerġija nadifa. Dawn il-prijoritajiet huma sostnuti minn faċilitaturi orizzontali, jiġifieri s-simplifikazzjoni regolatorja, l-approfondiment tas-suq uniku, il-finanzjament tal-kompetittività u Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-promozzjoni tal-ħiliet u tax-xogħlijiet ta' kwalità, u koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-UE. Il-Boxxla għall-Kompetittività hija allinjata mas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(8) Fl-2025, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-implimentazzjoni tal-RRF. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika fil-qafas tas-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jgħinu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jibqgħu rilevanti bl-istess mod għall-valutazzjoni tal-pjanijiet emendati tal-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(9) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 ikopru l-isfidi ewlenin tal-politika ekonomika li mhumiex indirizzati biżżejjed mill-miżuri inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jqisu l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019-2024.

(10) Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2025 għall-Bulgarija. Hija vvalutat il-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u qieset l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa l-Bulgarija. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-progress li għamlet il-Bulgarija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Valutazzjoni tar-Rapport ta' Progress Annwali

(11) Fl-20 ta' Ġunju 2025 il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi li ġejjin ta' tkabbir tan-nefqa netta għall-Bulgarija: 6,2 % fl-2025, 4,9 % fl-2026, 4,4 % fl-2027, u 4,0 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati massimi ta' tkabbir kumulattiv ikkalkolati permezz ta' referenza għall-2024 ta' 6,2 % fl-2025, 11,4 % fl-2026, 16,3 % fl-2027, u 21 % fl-2028. Fit-2 ta' Mejju 2025, il-Bulgarija ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali ([10]) tagħha, dwar data u projezzjonijiet rilevanti dwar l-eżitu fiskali, u l-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti b'reazzjoni għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Bulgarija dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(12) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni rrakkomandat biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Bulgarija fit-2 ta' Mejju 2025, fi tat-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja minn, u taqbeż, ir-rati massimi ta' tkabbir irrakkomandati tan-nefqa netta ([11]).

([10]) Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2025 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

([11]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 Li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU C, C/2025/3961, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3961/oj).

(13) Abbażi tad-data vvalidata mill-Eurostat ([12]), id-defiċit tal-gvern estiż tal-Bulgarija żdied minn 2,0 % tal-PDG fl-2023 għal 3,0 % fl-2024, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż tela' minn 22,9 % tal-PDG fl-aħħar tal-2023 għal 24,1 % fl-aħħar tal-2024. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal rata ta' tkabbir tan-nefqa netta ta' 10,4 % fl-2024. Fir-Rapport ta' Progress Annwali, il-Bulgarija tistima t-tkabbir tan-nefqa netta fl-2024 fil-livell ta' 12,3 %. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa netta iktar baxxa fil-kalkoli tal-Kummissjoni hija dovuta fil-biċċa l-kbira għall-kontabbiltà tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni tan-nefqa ta' darba fl-2024. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ([13]), li tinkludi kemm in-nefqa nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet b'mod ġenerali newtrali fl-2024.

(14) Skont ir-Rapport ta' Progress Annwali, ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji mill-Bulgarija qed jistenna tkabbir tal-PDG reali ta' 3,0 % fl-2025, filwaqt li l-inflazzjoni tal-HICP hija projettata fil-livell ta' 3,6 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali ta' 2,0 % fl-2025 u ta' 2,1 % fl-2026, u l-inflazzjoni tal-HICP hija projettata li tkun 3,6 % fl-2025 u 1,8 % fl-2026.

(15) Fir-Rapport ta' Progress Annwali, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 2,9 % tal-PDG fl-2025, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 28,9 % sa tmiem l-2025. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir tan-nefqa netta ta' 8,6 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 2,8 % tal-PDG fl-2025. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżvilupp jikkorrispondu għal tkabbir tan-nefqa netta ta' 9,2 % fl-2025. Dawn il-projezzjonijiet ogħla tat-tkabbir tan-nefqa netta milli fir-Rapport ta' Progress Annwali huma dovuti għal nefqa finanzjata mill-UE projettata f'livell iktar baxx kif ukoll impatt antiċipat iżgħar tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, għalkemm imqabbla ma' nefqa totali iktar baxxa, fit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni għall-2025. Ir-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni ta' nefqa ta' darba għall-2024 ukoll ikkontribwiet għal din id-differenza billi ħolqot bażi inizjali iktar baxxa għall-2024. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, hija projettata li tkun espansjonarja, b'1,1 % tal-PDG, fl-2025. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG mistenni li jiżdied għal 25,1 % sal-aħħar tal-2025.

(16) In-nefqa tal-gvern estiż li tammonta għal 1,0 % tal-PDG mistennija tkun iffinanzjata b'appoġġ mhux ripagabbli ("għotjiet") mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2025, imqabbla ma' 0,4 % tal-PDG fl-2024, skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni. In-nefqa ffinanzjata mill-appoġġ mhux ripagabbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippermetti investiment ta' kwalità għolja u riformi li jtejbu l-produttività mingħajr impatt dirett fuq il-bilanċ u d-dejn tal-gvern estiż tal-Bulgarija.

(17) In-nefqa fid-difiża tal-gvern estiż fil-Bulgarija kienet tammonta għal 1,6 % tal-PDG fl-2021 u fl-2022, u 1,5 % tal-PDG fl-2023 ([14]). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa fid-difiża hija projettata fil-livell ta' 1,4 % tal-PDG fl-2024 u 2,6 % tal-PDG fl-2025. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 1,2 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2024. Il-perjodu meta l-klawżola liberatorja nazzjonali tiġi attivata (2025-2028) jippermetti lill-Bulgarija tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex in-nefqa ogħla dejjiema fid-difiża ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.

(18) Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Bulgarija hija projettata li tikber b'9,2 % fl-2025. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tan-nefqa netta tal-Bulgarija fl-2025 huwa projettat li jkun 'il fuq mir-rata massima ta' tkabbir irrakkomandata, li jikkorrispondi għal devjazzjoni ([15]) ta' 1,1 % tal-PDG fl-2025. Madankollu, id-devjazzjoni projettata taqa' fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali abbażi tal-projezzjonijiet attwali għan-nefqa fid-difiża.

([12]) Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.4.2025.

([13]) Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta minn miżuri tad-dħul diskrezzjonali u bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

([14]) Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG). Minħabba differenzi metodoloġiċi bejn id-definizzjonijiet tal-COFOG u tan-NATO, in-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tal-COFOG tista' tvarja min-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tan-NATO.

([15]) Mill-2026 dawn iċ-ċifri ser jidhru fil-kont ta' kontroll stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

(19) Ir-Rapport ta' Progress Annwali ma jinkludix il-projezzjonijiet baġitarji wara l-2025. Abbażi tal-miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 2,8 % tal-PDG fl-2026. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir tan-nefqa netta ta' 1,7 % fl-2026. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm infiq fil-livell nazzjonali kif ukoll infiq iffinanzjat mill-UE, hija pprojettata li tkun restrittiva, b'0,8 % tal-PDG, fl-2026. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa projettat mill-Kummissjoni li jiżdied għal 27,1 % sal-aħħar tal-2026. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG fl-2026 fil-biċċa l-kbira tirrifletti defiċit primarju stabbli 'l fuq minn 2 % tad-diżinflazzjoni sostnuta matul il-perjodu tat-tbassir, imżewġa mar-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu.

Sfidi ta' politika ewlenin

(20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li mistennija jiġu implimentati sal-2026. Dawn mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti. F'dan il-perjodu ta' żmien strett il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-Bulgarija permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni NextGenerationEU - Il-mixja lejn l-2026, adottata fl-4 ta' Ġunju 2025, tikkjarifika l-iskeda taż-żmien applikabbli għat tmiem il-Faċilità u tagħti gwida lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-implimentazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2026, inkluż dwar kif jissimplifikaw aktar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, tiddeskrivi l-għażliet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati meta jirrieżaminawhom, u tisħaq fuq l-importanza ta' ppjanar konġunt bil-galbu qabel ma jressqu l-aħħar talbiet għall-pagament fl-2026. Sabiex jitwettqu l-impenji tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza sa Awwissu 2026, huwa essenzjali għall-Bulgarija li taċċellera b'mod urġenti l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti billi tindirizza l-isfidi rilevanti. L-inklużjoni rapida ta' kapitolu REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija essenzjali għall-finanzjament ta' riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-objettivi strateġiċi tal-Bulgarija u tal-UE fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, dawk relatati maż-żamma ta' approċċ konsistenti ta' politika lejn l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali previsti kif ukoll l-iżgurar ta' proċeduri kompetittivi u effettivi għall-akkwist pubbliku biex jippermettu r-realizzazzjoni f'waqtha tal-investimenti ppjanati. L-involviment sistematiku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(21) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), aċċellerat fil-Bulgarija. Huwa importanti li jkomplu għaddejjin l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida ta' dawn il-programmi, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Il-Bulgarija diġà qed tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir filwaqt li ttejjeb il-koeżjoni soċjali. Fl-istess waqt, il-Bulgarija tkompli tiffaċċa sfidi, inklużi dawk relatati mal-faqar (l-enerġija) u l-inklużjoni soċjali, il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-gruppi vulnerabbli u t-tranżizzjoni tal-enerġija, li tibqa' l-qofol għar-reżiljenza fit-tul, u l-kompetittività, fejn konċentrazzjoni ulterjuri fuq l-iżvilupp tat-teknoloġiji strateġiċi tista' tipprovdi opportunitajiet ġodda. F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), il-Bulgarija hija meħtieġa – bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni – li tagħmel rieżami ta' kull programm filwaqt li tqies, fost affarijiet oħra, l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2024. Il-proposti tal-Kummissjoni adottati fl-1 ta' April 2025 ([17]) jestendu l-iskadenza biex jiġi ppreżentat valutazzjoni – għal kull programm – tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu lil hinn mill-31 ta' Marzu 2025. Dawn jipprovdu wkoll flessibbiltajiet biex jgħinu l-implimentazzjoni tal-programmi ssir aktar malajr u inċentivi biex l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni għal ħames oqsma ta' prijorità strateġika tal-Unjoni, jiġifieri l-kompetittività f'teknoloġiji strateġiċi, id-difiża, l-akkomodazzjoni, ir-reżiljenza tal-ilma u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u għal investimenti fil-ħiliet f'setturi ta' prijorità filwaqt li l-attenzjoni tinżamm fuq il-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli fil-programmi tal-FSE+.

([16]) Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

([17]) Il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu – COM (2025) 123 final.

(22) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) tipprovdi l-opportunità ta' investiment fi prijorità strateġika ewlenija tal-UE billi ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE. STEP titwassal permezz ta' 11-il fond tal-UE eżistenti. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-programm InvestEU biex jiġu appoġġati investimenti f'oqsma ta' prijorità. Il-Bulgarija tista' tuża dawn l-inizjattivi bl-aħjar mod biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, inkluż it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi.

(23) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi oħra tal-UE, jenħtieġ li l-Bulgarija tindirizza b'mod effettiv l-isfidi li fadal relatati mal-kwalità tal-edukazzjoni u l-ħiliet, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-inklużjoni soċjali. L-isfidi addizzjonali, li jimminaw l-ambjent tan-negozju u l-kompetittività, inkluż il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-indipendenza tar-regolaturi, l-effettività tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u t-tmexxija tar-riċerka u l-innovazzjoni. Hemm sfidi ulterjuri relatati mal-grad li għadu għoli ta' dipendenza fuq il-fjuwils fossili, faqar tal-enerġija persistenti, infrastruttura tat-trasport sostenibbli sottożviluppata u ġestjoni ħażina tal-iskart u l-ilma.

(24) Kif stabbilit fil-Boxxla għall-Kompetittività, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, nazzjonali u lokali jridu jagħmlu sforz kbir biex jipproduċu regoli aktar sempliċi u biex jaċċelleraw il-ħeffa tal-proċeduri amministrattivi. Il-Kummissjoni stabbiliet għanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv: b'mill-inqas 25 % u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs; u ħolqot għodod ġodda biex jinkisbu dawn il-miri, inkluż l-ittestjar sistematiku tal-istress tal-ġabra tal-leġiżlazzjoni tal-UE u djalogu msaħħaħ mal-partijiet ikkonċernati. Biex tissodisfa din l-ambizzjoni, il-Bulgarija jeħtiġilha wkoll tieħu azzjoni. 66 % tan-negozji jqisu li l-kumplessità tal-proċeduri amministrattivi hija problema għall-kumpanija tagħhom meta jagħmlu n-negozju fil-Bulgarija ([18]). Il-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika tibqa' insuffiċjenti, b'disparitajiet reġjonali sinifikanti. Il-maġġoranza vasta tan-negozji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa u problema meta jkunu qed jagħmlu n-negozju. L-isfidi l-oħra ewlenin għall-ambjent tan-negozju jinkludu l-piż amministrattiv għoli u l-ostakli regolatorja. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati billi jiġu diġitalizzati aktar is-servizzi amministrattivi u jitnaqqas il-kost biex jinbeda negozju. Il-proċeduri tal-akkwist pubbliku ta' spiss isofru minn nuqqas ta' kompetizzjoni jew kwalità, li spiss iwasslu għal nuqqas ta' offerenti jew ta' appelli li jkollhom suċċess. Ir-riskji tal-korruzzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku għadhom għoljin, u jnaffru n-negozji milli jieħdu sehem minħabba l-preferenzi perċepiti fil-kondizzjonijiet u fl-evalwazzjonijiet. Il-korpi regolatorji jiffaċċjaw limitazzjonijiet tar-riżorsi u spiss huma soġġetti għall-influwenza politika, li timmina l-indipendenza tagħhom u l-kwalità ta' xogħolhom. Id-differenzi kbar fis-salarji madwar uħud mir-regolaturi u bejniethom jillimitaw il-firxa ta' attrazzjoni ta' esperti ta' kwalità.

(25) Il-livell tal-investiment R&Ż fil-Bulgarija huwa baxx ħafna u mhuwiex allokat b'mod effiċjenti, li jwassal għal impatt u effettività baxxi, notevolment għar-R&Ż pubbliku. Fl-2023, l-infiq pubbliku fir-R&Ż kien 0,28 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 0,72 %. Barra minn dan, ir-rabtiet bejn l-akkademja u n-negozju għadhom limitati. Il-livell baxx tal-infiq fir-R&Ż huwa amplifikat minn fondi pubbliċi li huma mifruxin madwar bosta istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġħla u organizzazzjonijiet tar-riċerka. Dawn id-dgħufijiet jirriżultaw f'eżitu baxx tal-innovazzjoni kif evidenzjat mir-rata ta' intensità baxxa ta' brevetti u l-għadd li huwa taħt il-medja tal-UE ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi, ċitazzjonijiet u kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati.

(26) L-aċċess għall-enerġija nadifa u affordabbli u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili jibqgħu kwistjonijiet ta' prijorità għall-Bulgarija. Il-pajjiż kellu r-raba' l-oġħla prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa fl-2024, parzjalment minħabba l-interkonnettività limitata bejn ix-Xlokk u l-Ewropa Ċentrali, kif ukoll id-dipendenza kontinwa fuq il-fjuwils fossili, li jammontaw għal madwar 25 % tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, flimkien ma' disponibbiltà limitata ta' teknoloġiji ta' flessibbiltà mhux fossili. Ir-riforma posposta tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-bejgħ tal-elettriku bl-imnut timpedixxi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u affordabbli minħabba li n-nuqqas ta' esponiment għas-sinjali tal-prezz jagħti spinta lid-domanda, b'mod partikolari fil-ħinijiet l-iktar intensivi, fejn tintlaqa' minn kapaċitajiet flessibbli, inkluż impjanti tal-enerġija marġinali mill-fjuwils fossili. Il-Bulgarija tirreġistra sussidji sostanzjali tal-fjuwils fossili, li jirrappreżentaw madwar 0,82 % tal-PDG, bla ma hemm l-ebda eliminazzjoni gradwali ppjanata qabel l-2030. B'mod partikolari, is-sussidji tal-fjuwils fossili li la jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod immirat u lanqas ma jindirizzaw it-tħassib ġenwin ta' sigurtà tal-enerġija jistgħu jitqiesu prijorità ta' eliminazzjoni gradwali. Fil-Bulgarija, is-sussidji tal-fjuwils fossili, bħalma huma tariffi feed-in għal impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati, kif ukoll l-ordni Statali biex jinxtara l-elettriku mill-impjant tal-enerġija termali "Maritsa East II" huma ineffiċjenti ekonomikament, jipperpetwaw id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jiddiżinċentivaw id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-enerġija u tat-tisħin.

([18]) "Businesses' attitudes towards corruption in the EU" (Attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE) Flash Report, Rapport tal-Eurobarometer (April 2024).

(27) L-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli majnat fil-Bulgarija. Fl-2024, il-pajjiż żied 1 GW ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli ġdida (fil-biċċa l-kbira fotovoltajka solari), 'l isfel minn 1,2 GW is-sena ta' qabel. Proċeduri għall-ħruġ tal-permessi kumplessi u li jieħdu fit-tul joħolqu ostakli għall-installazzjoni tal-kapaċità ġdida eolika fuq l-art, evidenzjat min-nuqqas ta' kapaċitajiet ġodda f'dawn l-aħħar snin. Il-potenzjal ta' installazzjonijiet eoliċi lil hinn mill-kosta għadu mhux sfruttat minħabba n-nuqqas ta' qafas regolatorju, b'mod partikolari biex jiġu ddeżinjati żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli u jiġi pprovdut pjan ta' żvilupp tal-grilja għaż-żoni kostali. Għalkemm il-Bulgarija ħolqot bażi legali biex jiġu ddeżinjati żoni ta' prijorità għall-istallazzjonijiet eoliċi fl-2023 bħala parti minn riforma taħt l-RRP, għadha ma ddeżinjatx dawn iż-żoni.

(28) Is-sistemi ta' tisħin distrettwali fil-Bulgarija spiss huma f'kondizzjoni teknika ħażina u jaħdmu b'mod predominanti bil-gass natural jew bil-faħam.

(29) Il-kapaċità insuffiċjenti ta' ħażna għal perjodu qasir u l-ħtieġa ta' dipendenza fuq il-ġeneraturi tal-fjuwils fossili kienu fost il-kontributuri ewlenin f'wieħed mill-akbar flutwazzjonijiet tal-prezz bl-ingrossa fl-UE b'medja ta' kuljum ta' varjazzjoni tal-prezz bl-ingrossa ta' EUR 185/MWh fl-2024. Il-likwidità limitata fis-suq bl-ingrossa minħabba l-liberalizzazzjoni parzjali u l-iskema ta' kumpens għall-utenti kummerċjali ilhom jimpedixxu l-potenzjali ta' aggregazzjoni u ta' rispons għad-domanda, filwaqt li tnaqqas il-flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku. Barra minn hekk, in-nuqqas tal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq bl-imnut ser ikompli jimmina l-flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku.

(30) Il-kapaċità tal-konnessjoni tal-grilja tal-Bulgarija għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli hija dejjem iżjed limitata, speċjalment fil-livell tad-distribuzzjoni, u tirrikjedi investiment addizzjonali fin-network biex timmaniġġja l-integrazzjoni kontinwa tar-rinnovabbli.

(31) Il-faqar enerġetiku jibqa' sfida strutturali, bil-proporzjon ta' nies li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat li għadu ogħla mill-medja tal-UE. Għalkemm il-Bulgarija adottat definizzjoni legali tal-faqar enerġetiku fl-2023 bħala parti mir-riforma taħt l-RRP, hija għad trid tidentifika l-popolazzjoni affettwata u tfassal skemi effettivi u mmirati ta' appoġġ.

(32) L-intensità enerġetika u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-enerġija tal-manifattura fil-Bulgarija għadhom fost l-ogħla fl-UE. L-intensità enerġetika tal-manifattura niżlet bejn l-2017 u l-2022 għal 2,45 GWh/EUR tal-valur miżjud gross (GVA, gross value added) imma għadu ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE (1,05 GWh/EUR tal-GVA). Il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fil-manifattura – partikolarment fis-setturi intensivi fl-enerġija – u l-qtugħ tal-użu tal-enerġija industrijali jikkontribwixxu għal kisbiet tal-produttività u l-kompetittività għall-ekonomija.

(33) It-trasport hu s-settur li jiġġenera l-iktar emissjonijiet fil-Bulgarija bl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq jiżdiedu b'mod sinifikanti bejn l-2005 u l-2023, filwaqt li naqsu fl-UE kumplessivament. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri biex tinċentiva l-adozzjoni tat-trasport nadif fil-Bulgarija, bħalma hija l-promozzjoni aqwa tat-trasport pubbliku, pereżempju billi jitnieda s-servizz ta' biljett uniku għat-trasport pubbliku, billi tiġi mmodernizzata l-infrastruttura tal-ferroviji u jiġu elettriċizzati l-linji tal-ferroviji li fadal, tiġi żviluppata l-konnettività transfruntiera tal-ferroviji, l-istallazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u l-implimentazzjoni taż-żoni ta' emissjoni baxxa f'żoni urbanizzati.

(34) Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-iskart jibqgħu sfida fil-Bulgarija. Hija għad għandha kapaċità istituzzjonali limitata biex tindirizza dawn l-isfidi. Jeħtieġ li tittieħed aktar azzjoni biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jiġu żviluppati għodod ta' monitoraġġ u ta' mmudellar, u jittejbu r-rappurtaġġ u l-ippjanar fil-livell subnazzjonali. Id-diskrepanza fl-investiment fil-ġestjoni tal-ilma biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar hija stmata fil-livell ta' EUR 439 miljun fis-sena.

(35) Sehem għoli mill-istudenti tal-iskola sekondarja għandu nuqqas ta' ħiliet bażiċi fil-matematika, il-qari u x-xjenza, li jqiegħed ostaklu sinifikanti għall-iżvilupp ta' ħiliet iktar tard. Fil-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment) tal-OECD tal-2022, madwar nofs il-Bulgari ta' 15-il sena kellhom prestazzjoni agħar minn dik mistennija fil-matematika, fil-qari u fix-xjenza, b'rati saħansitra ogħla fost l-istudenti li ġejjin minn sfondi żvantaġġati. Il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija hija marbuta wkoll mal-kurrikuli tal-iskejjel, li għadhom ibbażati ħafna fuq l-għarfien. Hemm użu insuffiċjenti tal-approċċi bażati fuq il-kompetenzi u ċċentrati fuq l-istudent, b'konċentrazzjoni żgħira wisq fuq l-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi u fuq il-kompetenzi STEM. Il-kwalità tat-tagħlim issofri mill-inabbiltà li tiġbed it-talent lejn il-professjoni, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' żvilupp professjonali kontinwu u taħriġ imfassal għall-ħtiġijiet tal-għalliema. Jippersistu inugwaljanzi maġġuri bbażati fuq fatturi soċjoekonomiċi bi grad għoli ta' segregazzjoni soċjali li taffettwa l-iskejjel u taggrava l-inugwaljanzi fit-tagħlim.

(36) Is-suq tax-xogħol Bulgaru jibqa' strinġenti b'rata tal-qgħad baxxa ta' 4,2 % fl-2024 u bl-impjegaturi jirrappurtaw ħtieġa totali ta' aktar minn 260 000 ħaddiem addizzjonali, li huma madwar 9 % tal-persuni li bħalissa huma impjegati. Għalkemm naqas is-sehem taż-żgħażagħ (15-29) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, xorta għadu 1,7 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE. Minkejja titjib żgħir fl-2024, id-differenza fl-impjiegi tal-persuni li għandhom diżabbiltà u dawk li ma għandhomx tibqa' waħda mill-ogħla fl-UE b'35,4 punti perċentwali fl-2024. Ir-rata ta' impjieg għal persuni li ma għandhomx iktar minn edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell hija 42 punt perċentwali iktar baxxa minn persuni b'edukazzjoni terzjarja, li hija differenza sinifikament ogħla mill-medja fl-UE. Barra minn hekk, ir-Rom jaffaċċjaw sfidi sostanzjali biex isibu xogħol b'47 % biss jinsabu f'impjieg. Il-flussi ta' migrazzjoni netta pożittivi ta' dan l-aħħar huma insuffiċjenti biex ipattu għall-forza tax-xogħol dejjem tonqos u l-emigrazzjoni ta' ħaddiema żgħażagħ b'livell għoli ta' ħiliet. Dawn l-isfidi fis-suq tax-xogħol huma aggravati min-nuqqasijiet ta' ħiliet u l-ispariġġi fihom. Il-ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni impjegata jibqgħu sinifikament baxxi b'40,1 % tal-ħaddiema (bejn il-25 u l-64 sena) li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Barra minn dan, in-nuqqasijiet ta' ħiliet huma aggravati bil-grad baxx ta' kemm l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) u l-edukazzjoni terzjarja jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, speċjalment fis-setturi relevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Barra minn hekk, il-Bulgarija rrappurtat wieħed mill-iktar livelli baxxi tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-Unjoni matul dawn l-aħħar għaxar snin, fil-livell ta' 9,5 % fl-2022 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 39,5 %.

(37) Ir-riskju ta' esklużjoni soċjali u ta' faqar jibqa' għoli b'mod partikolari għat-tfal, persuni akbar fl-età, persuni b'diżabbiltà, u r-Rom. In-nefqa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fil-Bulgarija hija fost l-iktar baxxa fl-UE (18,3 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 26,8 % tal-PDG fl-2023), partikolarment għall-assistenza soċjali, u l-benefiċċji tal-familja u tal-qgħad. L-adegwatezza tal-introjtu minimu huwa ferm inqas mill-medja tal-UE (19,1 % vs. 56,3 % tal-livell limitu tal-faqar fl-2023). Kienu biss 25,1 % ta' dawk qiegħda fuq żmien qasir li rċevew benefiċċji fl-2024. Il-kapaċità limitata tas-sistema biex tnaqqas il-faqar tenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza, il-kopertura u l-effettività. Fl-2024, it-trasferimenti soċjali (eskluż l-pensjonijiet) naqqsu l-faqar b'27,7 % biss, inqas mill-medja tal-UE ta' 34,4 %. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tat-titjib fil-konverġenza soċjali, f'konformità mal-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ([19]).

(38) Minkejja ż-żidiet fin-nefqa fil-kura tas-saħħa mill-2019 'il hawn, il-mortalità minn kawżi li jistgħu jiġu ttrattati ma naqsitx fil-Bulgarija, u baqgħet iktar mid-doppju tal-medja tal-UE, li jindika ineffiċjenzi fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Minkejja tnaqqis reċenti fil-proporzjon tal-ħlasijiet mill-but għall-kura tas-saħħa, għadu l-ogħla wieħed fl-UE. L-għadd ta' infermiera u ta' prattikanti ġenerali fil-Bulgarija reġa' naqas fl-2023. Issa hemm medja ta' inqas minn infermier wieħed għal kull tabib u s-sehem tal-infermiera prattikanti għal kull popolazzjoni ta' 1 000 jibqa' fost l-iktar baxxi fl-UE, li jimmina l-aċċess għas-servizzi mediċi u l-kwalità tagħhom. Fl-2023, 'il fuq minn 40 % tal-infermiera u 50 % tat-tobba kellhom 55 sena u aktar, li flimkien mal-konċentrazzjoni tal-forza tax-xogħol u l-faċilitajiet fiż-żoni urbani, jimminaw l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa fit-tul.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2025 u l-2026 biex:

1. Issaħħaħ l-infiq ġenerali fid-difiża u fis-sigurtà u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Taderixxi mar-rati tat-tkabbir massimi tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2025, filwaqt li tagħmel użu mill-konċessjoni skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għal nefqa fid-difiża ogħla.

2. Bil-ħsieb tal-iskadenzi applikabbli għat-tlestija f'waqtha tar-riformi u l-investimenti skont ir-Regolament (UE) 2021/241, taċċellera b'mod urġenti l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Taċċellera l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni (FEŻR, JTF, ESF+, CF) u tibni, fejn xieraq, fuq l-opportunitajiet offruti mir-rieżami ta' nofs it-terminu. Tagħmel użu ottimali mill-istrumenti tal-UE, inkluż l-opportunitajiet ipprovduti mill-programm InvestEU u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, biex ittejjeb il-kompetittività.

3. Toħloq il-kundizzjonijiet abilitanti biex tagħti spinta lill-kompetittività billi ttejjeb il-funzjonament u l-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż fil-livell reġjonali. Tissimplifika r-regolamentazzjoni, ittejjeb l-għodod regolatorji u tnaqqas il-piż amministrattiv biex toħloq kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Ittejjeb l-effettività tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, partikolarment fil-każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Ittejjeb il-kwalità tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u ssaħħaħ l-indipendenza u l-funzjonament tar-regolaturi. Iżżid l-impatt u l-effettività tal-investiment R&Ż pubbliku billi tiffoka r-riċerka u l-innovazzjoni f'inqas istituzzjonijiet u ttejjeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-eżitu tar-riċerka.

([19]) SWD(2025) 95 – Second-stage country analysis on social convergence in line with the Social Convergence Framework (SCF), 2025.

4. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, inkluż billi tippromwovi l-liberalizzazzjoni tas-suq, taċċellera t-tnedija tar-rinnovabbli, partikolarment billi tiddeżinjahom żoni bi ħruġ rapidu ta' permessi għall-istallazzjonijiet eoliċi. Tieħu passi speċifiċi biex telimina gradwalment is-sussidji tal-fjuwils fossili inkluż billi tneħħi s-sussidji li jappoġġaw il-produzzjoni tal-elettriku u t-tisħin distrettwali bbażati fuq il-faħam. Iżżid il-flessibbiltà tas-sistema elettrika biex tnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet bl-ingrossa, partikolarment billi twessa' l-ambitu għall-aggregazzjoni u r-rispons tad-domanda u billi tiżgura kapaċitajiet ta' ħażna suffiċjenti. Taġġorna l-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku fil-livell ta' distribuzzjoni billi tniedi infrastruttura tal-grilja intelliġenti u billi taġġorna l-linji u s-substazzjonijiet. Tindirizza l-faqar enerġetiku billi tiżviluppa sistema ta' informazzjoni aġġornata dwar unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u vulnerabbli fl-enerġija, u tappoġġahom b'miżuri ta' politika mmirati. Tħeġġeġ miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fl-industrija. Tippromwovi t-tnedija u l-adozzjoni tat-trasport urban, pubbliku u ferrovjarju sostenibbli, inkluż billi taċċellera l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa. Ittejjeb il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart billi tindirizza d-dgħufijiet istituzzjonali u tinvesti fl-infrastruttura biex tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi.

5. Issaħħaħ it-tagħlim u l-apprendiment ibbażati fuq il-kompetenzi. Ittejjeb il-kwalità tat-tagħlim b'taħriġ inizjali, kontinwu u bbażat fuq il-ħtiġijiet tal-għalliema. Ittejjeb il-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għar-Rom u gruppi żvantaġġati oħrajn. Tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema, billi timplimenta b'mod effettiv miżuri biex iżżid il-livell tal-impjieg ta' persuni b'diżabilità, persuni b'livell inqas ta' edukazzjoni, ir-Rom u persuni inattivi. Issaħħaħ l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet biex tagħti spinta lill-kompetittività u tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Tindirizza l-inklużjoni soċjali billi ttejjeb l-aċċess għall-impjieg u servizzi soċjali integrati, u billi tipprovdi appoġġ ta' introjtu minimu iktar effettiv. Ittejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inkluż billi tnaqqas aktar il-pagamenti mill-but u tindirizza n-nuqqasijiet u d-distribuzzjoni inugwali tal-professjonisti tas-saħħa, bil-ħsieb li tagħti spinta lill-effettività, l-aċċessibilità u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE